# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 26 ta' Jannar 2018**

**Numru 17**
**Rikors numru 68/14 JZM**

**Francis Portelli; Anthony Cassar**

***v*.**

**L-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati Dr Angelo Farrugia;**

**Iċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi Dr Jason Azzopardi; ilkoll fil-kwalità tagħhom premessa u in rappreżentanza tal-istess Kamra tad-Deputati u tal-istess Kumitat rispettivament**

## Preliminari

**1.** Dan huwa appell tal-konvenuti minn żewġ sentenzi mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha, fis-26 ta' Mejju 2016 u fil-31 ta' Jannar 2017.

**2.** Permezz tas-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju 2016 l-ewwel Qorti li permezz tagħhom dik il-Qorti iddikjarat illi l-Onorevoli *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi huma l-leġittimi kontradditturi tar-rikorrenti fil-proċeduri odjerni iżda ddikjarat ukoll li l-intimat Onorevoli *Speaker* tal-Kamra tad-Deputati hekk kif imħarrek in rappreżentanza tal-Kamra tad-Deputati u ċ-*Chairperson* tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi hekk kif imħarrek in rappreżentanza tal-istess Kumitat mhumiex il-leġittimi kontradditturi tar-rikorrenti fil-proċeduri tal-lum stante li m'għandhomx ir-rappreżentanza tal-Kamra tad-Deputati u tal-Kumitat hawn fuq imsemmi rispettivament.

**3.** Permezz tas-sentenza tagħha tal-31 ta' Jannar 2017 l-istess Qorti **[1]** laqgħet l-ewwel u t-tielet talbiet safejn il-*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committeee of the House of Representatives, Parliament of Malta* [il-***Guide***] jolqot il-każ tar-rikorrenti u b'hekk iddikkjarat li l-istess *Guide* jikser id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea [il-"**Konvenzjoni Ewropea**"] u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta [il-"**Kostituzzjoni**"] in kwantu jobbligohom jirrispondu għal mistoqsijiet mill-membri tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi li jistgħu jiksrulhom id-dritt ta' smigħ xieraq u li jikser ukoll id-dritt tagħhom tal-libertà personali sanċit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni in kwantu jesponihom potenzjalment għal telf tal-libertà

personali tagħhom fl-eventwalità li jinsistu li jipporteġi d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq; **[2]** laqgħet it-tieni u r-raba' talbiet u b'hekk iddikjarat li r-*Ruling* tal-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tat-3 ta' Frar 2014 [ir-***Ruling***], reż applikabbli għar-rikorrenti permezz tad-deċiżjoni meħuda fil-laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi tal-ewwel ta' Lulju, 2014, jikser id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq kif sanċit mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta in kwantu jobbligohom jirrispondu għal mistoqsijiet mill-membri tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi li jistgħu jiksrulhom id-dritt ta' smigħ xieraq kif ukoll jikser id-dritt tagħhom tal-libertà personali sanċit mill-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll mill-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni in kwantu jesponihom potenzjalment għal telf tal-libertà personali tagħhom fl-eventwalità li jinsistu li jipporteġi d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq; **[3]** ipprovdiet dwar il-ħames talba tar-rikorrenti sabiex tagħti d-direttivi kollha sabiex jiġu sanċiti d-drittijiet fondamentali u kostituzzonali tagħhom billi ddikjarat li r-*Ruling* imsemmi u l-*Guide* imsemmi safejn jirrigwarda x-xhieda ta' persuni, m'għandhomx ikunu applikabbli fil-konfront tar-rikorrenti waqt il-proċeduri pendenti quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi dwar ir-rapport tal-Awditur Ġenerali bl-isem '*An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement*'; **[4]** ordnat li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha relattivi għaż-żewġ sentenzi tas-26 ta' Mejju 2016 u tal-31 ta' Jannar 2017.

**4.** L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha tas-26 ta' Mejju 2016 wara li għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"**II. <u>It-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet</u>**

"It-tielet eċċezzjoni taqra :-

> "*Illi inoltre l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u l-Onorevoli Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi in kwantu mħarrkin in rappresentanza tal-Kamra tad-Deputati ma għandhomx dik ir-rappresentanza u huma malament imħarrkin għaliex il-Kamra tad-Deputati ma għandhiex locus standi fil-Qorti.*

"**<u>Ir-raba' eċċezzjoni</u>** taqra :-

> "*Illi għalhekk il-proċedura hija evidentement monka u nkompleta għaliex jonqos leġittimu kontradittur fil-ġudizzju billi l-intimati ċertament ma humiex leġittimi kontradittturi f'dan il-ġudizzju;*

"**Għal din il-Qorti, huwa evidenti illi ż-żewġ eċċezzjonijiet huma marbuta waħda mal-oħra fis-sens illi l-eċċezzjoni ċentrali hija r-raba' eċċezzjoni fejn qed jingħad illi l-intimati mhumiex il-leġittimi kontradittturi tar-rikorrenti. Ir-raġuni għala – skont l-intimati – dan huwa hekk hija propju t-tielet eċċezzjoni.**

"Dan premess, il-Qorti sejra tgħaddi għall-konsiderazzjoni ta' dak rilevat mill-partijiet dwar dawn l-eċċezzjonijiet.

**"III. <u>Il-posizzjoni tal-partijiet</u>**

"**Wara li semgħet is-sottomissjonijiet li għamlu d-difensuri tal-partijiet dwar dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet, il-Qorti sejra tagħmel sintesi tal-posizzjoni ta' kull parti.**

**"a) <u>L-intimati</u>**

**"<u>Fil-qosor,</u>** isostnu li:

"F'każ fejn qed jiġi allegat ksur tad-dritt fundamentali ai termini tal-Art 6 tal-Konvenzjoni, il-leġittimu kontradittur ma jistax ikun l-Speaker. Il-leġittimu kontradittur għandha tkun il-Prosekuzzjoni li qegħda tmexxi l-każ kriminali kontra r-rikorrenti. Il-Kumitat tal-Kamra tad-Deputati qiegħed jikkonduċi l-istħarriġ tiegħu. L-Speaker u ċ-Chairman tal-Kumitat għandhom funzjoni parlamentari x'jaqdu li ma tistax tinċidi fuq il-proċeduri kriminali.

"Ikompli jingħad illi l-Speaker ma kienx involut fil-konduzzjoni tal-Kumitat. Kien il-Kumitat mhux l-Speaker li ħarrek lir-rikorrenti sabiex jagħtu x-xhieda tagħhom. Kienu l-membri tal-Kumitat li ddeċidew lil

min iridu jħarrku, u kull ma għamel l-Speaker kien illi ħa konjizzjoni ta' dik id-deċiżjoni.

"Skond l-intimati, l-azzjoni kellha ssir kontra l-Avukat Ġenerali, il-Prosekuzzjoni jew kontra l-membri tal-Kumitat tal-Kamra.

"Inoltre la l-Speaker u lanqas iċ-Chairman tal-Kumitat ma jirrappreżentaw lill-Kamra tad-Deputati jew lill-Kumitat tal-Kamra rispettivament.

**"b) <u>Ir-rikorrenti</u>**

"**<u>Fil-qosor,</u>** igħidu :-

"Ir-rikorrenti kienu nġunti biex jidhru quddiem Kumitat tal-Kamra tad-Deputati. Dak il-Kumitat huwa regolat bl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra.

"Il-leżjoni lamentata mir-rikorrenti kienet kommessa mill-Av. Anġlu Farrugia fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu bħala Speaker tal-Kamra tal-Deputati. Qed jingħad hekk għaliex ir-regoli tal-konduzzjoni tal-Kumitat tal-Kamra jinħarġu mill-Speaker. L-ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati jinħarġu mill-Uffiċċju tal-Ispeaker. Għalhekk huwa l-Speaker li għandu jirrispondi għal din l-leżjoni.

"Isostnu r-rikorrenti li l-Ispeaker huwa leġittimu kontradittur għaliex huwa l-Kap tal-Parlament Malti.

"Dwar iċ-Chairperson tal-Kumitat, jingħad mir-rikorrenti illi dan jirrappreżenta kemm lill-Kumitat kif ukoll lill-speaker.

"**IV. <u>Konsiderazzjonijiet</u>**

"Sabiex tistabilixxi min huwa l-leġittimu kontradittur, il-Qorti trid toqgħod fuq il-parametri tal-azzjoni kif determinati mir-rikorrenti sa mill-*occhio* tal-kawża.

"Fir-rigward tal-Speaker, il-Qorti tagħmel riferenza għall-**<u>Art 51 tal-Kostituzzjoni ta' Malta</u>** fejn jingħad hekk :-

> "*"Għandu jkun hemm Parlament ta' Malta li jkun magħmul mill-President u minn Kamra tad-Deputati"*

"**<u>L-Art 59 tal-Kostituzzjoni ta' Malta</u>** jgħid :-

> "*"Meta l-Kamra tad-Deputati tiltaqa' għal ewwel darba wara xi elezzjoni ġenerali u qabel ma tipproċedi għat-tmexxija ta' xi xogħol ieħor, għandha teleġġi persuna biex tkun l-iSpeaker tal-Kamra; u jekk il-kariga ta' Speaker issir vakanti f'xi żmien qabel ix-xoljiment sussegwenti tal-Parlament, il-Kamra għandha, kemm jista' jkun malajr, teleġġi persuna oħra għal dik il-kariga."*

"Ir-rwol u l-funzjoni tal-Speaker huwa regolat mill-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati (Leġislazzjoni Sussidjarja KOST.02).

"Skont l-Ordnijiet Permanenti, il-funzjonijiet tal-Ispeaker jinkludu –

"Sabiex jieħu ħsieb l-proċedura tal-Kamra tad-Deputati fir-rigward tas-Seduti, Quorum, Aġġornament u Għeluq tal-Kamra tad-Deputati (Titolu II);

"L-arranġament tax-xogħol tal-Kamra tad-Deputati (Titolu III);

"Jieħu ħsieb l-ordni fil-Kamra tad-Deputati, bħal per eżempju isejjaħ l-membru tal-Kamra li se jitkellem (Titolu IV – Artikolu 45) ;

"Jirriżultaw ukoll sitwazzjonijiet fejn l-Ispeaker ma jistax joqgħod f'postu iżda għandu jħalli l-Kamra tad-Deputati – Artikolu 71(2) meta l-Kumitat ta' Provvista huwa mniżżel bħala ordni tal-ġurnata; kif jinqara l-ordni tal-ġurnata għall-Kumitat dwar abbozz ta' liġi (Artikolu 97);

"Jieħu Ħsieb l-votazzjonijiet tal-Kamra tad-Deputati (Titolu VII);

"Jippresjedi l-Kumitat Permanenti dwar ix-xogħol tal-Kamra tad-Deputati [Artikolu 120C(5)];

"Jippresjedi kull seduta tal-Kamra (Artikolu 151);

"Jaqra l-messaġġi mibgħuta mill-President ta' Malta (Artikolu 184).

> "**Din il-Qorti tirrileva illi mkien fil-Kostituzzjoni ta' Malta jew inkella fl-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati ma jingħad illi l-Speaker <u>jirrappreżenta </u>l-Kamra tad-Deputati.**

"Dwar dak li kien rilevat mir-rikorrenti fis-sens illi l-Speaker huwa l-Kap tal-Kamra tad-Deputati, il-Qorti tirreferi għall-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra fejn jingħad illi : *il-Kap tal-Kamra" tfisser il-Ministru responsabbli għall-Affarijiet Parlamentari"*

"**Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti ma taċċettax bħala tajjeb u legalment korrett illi l-Speaker kien imħarrek *in rappreżentanza tal-Kamra tad-Deputati.***

"**Dan premess, il-Qorti ssib illi xejn ma kien jipprekludi lir-rikorrenti milli jħarrku għall-fini tal-allegata vjolazzjoni tal-jeddijiet fondamentali tagħhom lill-Speaker tal-Kamra *ut sic.***

"**<u>Fejn l-eċċezzjoni tirrigwarda ċ-Ċhairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi,</u>** il-Qorti tirrileva li l-Kumitati Permanenti tal-Kamra tad-Deputati huma regolati bit-Titolu X tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra tad-Deputati.

"Il-Kumitat de quo huwa regolat bl-Art 120E tal-Ordnijiet.

"Hemm jingħad illi l-Kumitat għandu :-

"*"(a) jifli ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-kontijiet pubbliċi li jiġu lilu riferiti mill-Kamra, minn Ministru jew mill-Awditur Ġenerali;*

*"(b) jifli kull spiża bħalma hem imsemmi fl-artikoli 103(3) u 104 tal-Kostituzzjoni;*

*"(ċ) jeżamina l-kontijiet ta' awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali, li l-kontijiet tagħhom huma ppreżentati lill-Parlament;*

*"(d) jitlob lill-Awditur Ġenerali li jippreżenta memoranda dwar kull ħaġa fejn issir talba biex isir dan minn mill-anqas tliet membri tal-Kumitat Permanenti;*

*"(e) jikkonsidra memoranda ppreżentati mill-Awditur Ġenerali, li jkunu ġew ippreżentati wara li tkun saritlu talba bis-saħħa tas-subparagrafu (d) ta' dan il-paragrafu, jew fuq inizjattiva tiegħu stess;*

*"(f) jeżamina rapport u dokumenti li għandhom x'jaqsmu magħhom, li jsiru mill-Awditur Ġenerali;*

*"(g) jirrapporta lill-Kamra dwar kull kont, rapport jew dokument imsemmija fis-subparagrafi ta' qabel da nil-paragrafu; u*

*"(h) jirrapporta lill-Kamra dwar kull bidla li jqis li tkun desiderabbli, dwar l-għamla tal-kontijiet, dwar il-mod kif dawn jinżammu, dwar id-dħul jew il-ħruġ jew il-kontroll tal-flus."*

"Il-President ta' dan il-Kumitat ikun wieħed mill-membri nominate mill-Kap tal-Oppożizzjoni [sub-artikolu (4)]

"Illi bl-istess mod kif ingħad dwar l-Speaker tal-Kamra tad-Deputati, il-President jew Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi **m'għandux r-rappreżentanza** tal-istess Kumitat Permanenti.

"Għalhekk fejn iċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi huwa mħarrek *ut sic* huwa l-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti sabiex iwieġeb għall-istanza tagħhom dwar allegat ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom, iżda mhuwiex il-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti kif imħarrek bħala rappreżentant tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi għaliex iċ-Chairperson m'għandux ir-rappreżentanza tal-Kumitat".

## Is-Sentenza Appellata tal-31 ta' Jannar 2017

**5.** L-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha tal-31 ta' Jannar 2017 wara li għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

"**III. Sottomissjonijiet**

"Fil-każ tal-lum, il-partijiet għażlu li jagħmlu sottomissjonijiet tal-aħħar bil-fomm.

"**a) Ir-rikorrenti**

"Isostnu illi dwar il-fatti tal-każ ma hemmx kontestazzjoni.

"Dwar ir-ruling tal-Onor. Speaker li huwa l-mertu tal-istanza tal-lum, ir-rikorrenti jinsistu li għandha ssir distinzjoni netta u legali bejn il-jedd tas-silenzju li għandha persuna li tkun akkużata u l-jedd ta' persuna li tkun investigata jew ta' xhud li ma tweġibx għal domandi li risposti għalihom jistgħu jinkriminaw lil dik il-persuna. Għalkemm simili, ż-żewġ drittijiet huma legalment distinti minn xulxin.

"Il-guidelines in kwistjoni huma rifless tal-posizzjoni rigward id-dritt ta' non self incrimination. Dak id-dritt igħodd fil-każ ta' persuna li tkun qegħda tiġi nvestigata jew għall-każ ta' xhud. Il-każ tal-lum huwa divers għaliex hawn si tratta ta' persuna akkużata li għandha d-dritt tas-silenzju, liema dritt jiskatta mhux biss quddiem il-qorti fejn il-persuna tkun akkużata iżda kullimkien.

"Jissottometti illi r-ruling jindirizza s-sitwazzjoni ta' xhud u mhux ta' akkużat. Xhud għandu d-dritt li ma jinkriminax ruħu. Ġara pero' illi r-ruling ġie nterpretat, oltre l-kontenut tiegħu, u għal din ir-raġuni qiegħed jiġi mpunjat. Quddiem il-Kumitat tal-Kamra, dak mistenni mir-rikorrenti m'għandhiex titqies bħala xhieda ordinarja, propju għaliex ir-rikorrenti huma akkużati dwar l-istess fatti quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali.

"Għalhekk kemm ir-ruling kif ukoll il-guidelines huma lesivi għall-jedd tar-rikorrenti għal smigħ xieraq. Fil-każ ta' Saunders vs UK deċiż millECHR, ingħad illi d-dritt tas-silenzju huwa mħares bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.

"L-istess prinċipji jgħodd għal-leżjoni tal-Art 5 tal-Konvenzjoni.

"**b) L-intimati**

"Isostnu li għandha ssir distinzjoni bejn proċeduri parlamentari u proċeduri ġudizzjarji. Tal-ewwel m'għandhomx fini penali billi m'għandhomx l-iskop li jsibu ħtija iżda huma ntiżi biex il-pubbliku jkun edott b'dak li jkun qed jiġri fil-pajjiż.

"Dwar l-allegata leżjoni minħabba inkriminazzjoni, jissottomettu illi fil-linji gwida u fil-mod kif aġixxa l-Onor Speaker, ma kienx hemm leżjoni tad-dritt tar-rikorrenti li ma jinkriminax ruħu. Jispetta lil xhud li meta jiġi mistoqsi, jiddikjara li ma jistax jirrispondi għaliex jista' jinkrimina ruħu. Malli x-xhud jagħmel hekk, jiskatta l-obbligu tal-Onor Speaker u tal-Kumitat li jaraw jekk għandhomx jinsistu għal risposta. Fil-każ tal-lum, saret assunzjoni da parti tar-rikorrenti li kien ser ikun hemm insistenza

da parti tal-Kumitat sabiex jirrispondi għad-domanda għalkemm kien invoka d-dritt tas-silenzju. Skont il-linji gwida, l-obbligu ta' persuna li tixhed huwa kjarament soġġett mingħajr limitazzjonijiet għad-dritt li ma jinkriminax ruħu.

"Skont l-intimati, d-dritt tas-silenzju huwa dritt sussidjarju tad-dritt li wieħed ma jinkriminax ruħu, għaliex sabiex jiġi nvokat d-dritt tas-silenzju, l-ewwel għandu jiġi nvokat d-dritt li b'dak li ser jingħad wieħed jista' jinkrimina ruħu. Fil-każ tal-lum, ir-rikorrenti qegħdin jirrifjutaw illi jagħmlu hekk; li kieku r-rikorrenti qalu li bir-risposta tagħhom setgħu jinkriminaw ruħhom, allura l-Kumitat kien jieqaf mill-mistoqsijiet. Għalhekk l-intimati jikkontendu illi r-rikorrenti ma jistgħux igħidu li mhux ser jirrispondu għaliex għandhom dritt tas-silenzju, mingħajr qabel ma jgħidu li mhux sejrin jirrispondu għaliex jistgħu jinkriminaw ruħhom.

" Għall-intimati l-problema qamet propju għaliex ir-rikorrenti rrifjutaw li jgħidu jekk iridux jixhdu għaliex setgħu jinkriminaw ruħhom.

**"IV. <u>Dritt</u>**

"Ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn ksur tal-jeddijiet fondamentali tagħhom għal smigħ xieraq u għall-libertà personali hekk kif tutelati bil-Kostituzzjoni u bil-Konvenzjoni.

"Billi ma kienx indikat fir-rikors promotur fejn preċiż kien l-ilment fid-dispozizzjonijiet ċitati mir-rikorrenti, il-Qorti sejra tirriproduċi l-erba' dispozizzjonijiet b'mod sħiħ.

"...

"...

"...

"**V. <u>Ġurisprudenza</u>**

"Fis-sentenza li tat fit-12 ta' Frar 2016 fil-kawża '**<u>Richard Cuschieri vs *Avukat Ġenerali*</u>**', *il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk :-*

> "*19. Jibda biex jiġi senjalat li in tema legali u fuq livell Ewropew, id-dritt għal smigħ xieraq kontemplat fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jinkludix espressament id-dritt li ersuna ma tinkriminax ruħha jew id-dritt għas-silenzju, iżda dawn id-drittijiet korollari ġew identifikati u meqjusa mill-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea bħala li jaqgħu taħt il-kappa tal-Artikolu 6.*
>
> "*...*
>
> "*22. Din il-Qorti sejra tibda billi tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet ta' natura ġuridika tal-vertenza in diżamina b'referenza għall-każistika barranija u dik Ewropeja.*

"*23. Ta' siwi hija l-osservazzjoni magħmula mill-Qorti Suprema tal-Istati Uniti fil-każ US v. Holt dwar dak li hu ammissibbli fil-ġbir tal-provi taħt il-Ħames Emenda għal-Kostituzzjoni tal-Istati Uniti illi toffri protezzjoni lil persuna milli tiġi sfurzata tixhed kontriha stess waqt proċeduri kriminali. Ġie osservat pero' li l-protezzjoni ma tgħoddx għal provi dwar il-karatteristiċi fiżiċi tal-akkużat. F'dik is-sentenza, il-Qorti Suprema spjegat :*

> "*'... the prohibition of compelling aman in a criminal court to be witness against himself is a prohibition of the use of physical or moral compulsion to extort communications from him, not an exclusion of his body as evidence when it may be material.'*

"*24. Dan ifisser li provi bħal ma huma impronti diġitali, ritratti, qisien tal-ġisem, kampjuni tal-iskrittura u kampjuni tal-vuċi jew tad-demm ma jaqgħux taħt il-kappa tal-Ħames Emenda. Kampjun tal-iskrittura jew tal-vuċi li ma jkollu ebda kontenut inkriminanti hija karatteristika fiżika li ma taqax taħt il-protezzjoni tal-imsemmija emenda.*

"*...*

"*28. Ġurisprudenza reċenti tal-Qorti Ewropea ukoll tadotta ħsieb simili ħafna għal dak tal-Qorti Suprema Amerikana f'dak li jirrigwarda l-kompatibilità ta' teħid ta' kampjuni mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Rigward l-interpretazzjoni tar-rikorrenti dwar id-dritt ta' 'persuna akkużata li tibqa' siekta, issir referenza partikolari għas-sentenza O'Halloran and Francis v. UK, li permezz tagħha l-Qorti Ewropea enunċjat il-prinċipju li d-drittijiet li joħorġu mill-Artikolu 6 u, senjatament għall-każ odjern, id-dritt li wieħed jibqa' sieket u l-privileġġ li persuna ma tiġix imġiegħla tinkrimina ruħha ma humiex assoluti. F'dak il-każ ġie osservat li:*

"*'While the Court's case-law has rarely implied that the right to a fair trial under Article 6 is an unqualified right, the Court's actual approach – at least under the heading of the right to silence – is more qualified, usually requiring a test to establish whether or not the essence of the right was infringed upon. Under this essence of the right analysis, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but depends to a certain extent on the circumstances of the particular case. As a result, at times it involves a sui generis proportionality test, especially in relation to minor offences, to justify a finding of no violation of Article 6 (O'Halloran and Francis).*

"*This essence of the right test employs three main criteria to establish whether the coercion or oppression of the will of the accused is permissible under Article 6: a) nature and degree of compulsion used to obtain the evidence; b) weight of the public interest in the investigation and punishment of the offence at issue; c) existence of any relevant safeguards in the procedure, and the use to which any material so obtained is put (Jalloh, §117).*

"*A certain degree of physical compulsion may be allowed by Article 6 to extract material, or "real" evidence, where that evidence has existence independent of the will of the accused – such as breath, urine, finger, voice, hair, tissue samples for DNA purposes – but not to*

*extract a confession or documentary evidence nor to extract material evidence by sufficiently serious intrusion into the physical autonomy of the accused (Jalloh §§123)...'*

"*29. F'analiżi dwar il-ġurisprudenza Ewropea fir-rigward l-attriċi Karen Reid tikkummenta hekk: '... The right to not incriminate oneself does not generally extend to the use in criminal proceedings of material which may be obtained from the accused under compulsory powers but which has an existence independent of the will of the suspect [eg. Documents or material produced bythe normal functioning of the body such as breath, blood, hair, tissue or voice samples]. Where obtaining the material goes beyond the mere passive endurance of a minor interference with bodily integrity, a problem may arise as in Jalloh v Germany where an emetic was forcibly administered to induce the regurgitation of swallowed drugs...'*

"*Fid-deċiżjoni li tat l-ECHR fit-13 ta' Settembru 2016 fil-każ ta' '**<u>Ibrahim and Others vs The United Kingdom</u>**' ingħad hekk:-*

"**(b)** ***<u>General approach to Article 6 in its criminal aspect</u>***

"*250. The right to a fair trial under Article 6 § 1 is an unqualified right. However, what constitutes a fair trial cannot be the subject of a single unvarying rule but must depend on the circumstances of the particular case (see O'Halloran and Francis v. the United Kingdom [GC], nos. 15809/02 and 25624/02, § 53, ECHR 2007 III). The Court's primary concern under Article 6 § 1 is to evaluate the overall fiarness of the criminal proceedings (see, among many other authoriites, Taxquet v. Belgium [GC], no. 926/05, § 84, ECHR 2010; and Schatschaschwili v. Germany [GC], no. 9154/10, § 101, ECHR 2015).*

"*251. Compliance with the requirements of a fair trial must be examined in each case having regard to the development of the proceedings as a whole and not on the basis of an isolated consideration of one particular aspect or one particular incident, although it cannot be excluded that a specific factor may be so decisive as to enable the fairness of the trial to be assessed at an earlier stage in the proceedings (see Can v. Austria, no. 9300/81, Commission's report of 12 July 1984, § 48, Series A no. 96). In evaluating the overall fairness of the proceedings, the Court will take into account, if appropriate, the minimum rights listed in Article 6 § 3, which exemplify the requirements of a fair trial in respect of typical procedural situations which arise in criminal cases. They can be viewed, therefore, as specific aspects of the concept of a fair trial in criminal proceedings in Article 6 § 1 (see, for example, Salduz, cited above, § 50; Gafgen v. Germany [GC], no. 22978/05, § 169, ECHR 2010; Dvorski, cited above, § 76; and Schatschaschwili, cited above, § 100). However, those minimum rights are not aims in themselves: their intrinsic aim is always to contribute to ensuring the fairness of the criminal proceedings as a whole (see Can, cited above, § 48; Mayzit v. Russia, no. 63378/00, § 77, 20 January 2005, and Seleznev v. Russia, no. 15591/03, § 67, 26 June 2008).*

"*252. The general requirements of fairness contained in Article 6 apply to all criminal proceedings, irrespective of the type of offence in*

*issue.There can be no question of watering down fair trial rights for the sole reason that the individuals in question are suspected of involvement in terrorism. In these challenging times, the Court considers that it is of the utmost importance that the Contracting Parties demonstrate their commitment to human rights and the rule of law by ensuring respect for, inter alia, the minimum guarantees of Article 6 of the Convention. Nevertheless, when determining whether the proceedings as a whole have been fair the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue may be taken into consideration (see Jalloh v. Germany [GC], no. 54810/00, § 97, ECHR 2006.IX). Moreover, Article 6 should not be applied in such a manner as to put disproportionate difficulties in the way of the police authorities in taking effective measures to counter terrorism or other serious crimes in discharge of their duty under Articles 2, 3 and 5 § 1 of the Convention to protect the right to life and the right to bodily security of members of the public (see, mutatis mutandis, Sher and Others v. the United Kingdom, no. 5201/11, § 149, ECHR 2015 (extracts)). However, public interest concerns cannot justify measures which extinguish the very essence of an applicant's defence rights (see Jalloh, cited above, § 97; Bykov v. Russia [GC], no. 4378/02, § 93, 10 March 2009; and Aleksandr Zaichenko v. Russia, no. 39660/02, § 39, 18 February 2010)*

"*...*

"***(e)  The privilege against self-incrimination***

"*266. The right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent and presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defience of the will of the accused (see Saunders v. the United Kingdom, 17 December 1996, §§ 68-69, Reports 1996 VI; Jalloh, cited above, §§ 100 and 102; and Bykov, cited above, § 92). The right to remain silent under police questioning and the privilege against self-incrimination are generallly recognised international standards which lie at the heart of the notion of a fair procedure under Article 6. Their rationale lies, inter alia, in the protection of the accused against improper compulsion by the authorities, thereby contributing to the avoidance of miscarriages of justice and to the fulfilment of the aims of Article 6 (see John Murray, cited above, § 45; Jalloh, cited above, § 100; and Bykov, cited above, § 92).*

"*267. It is important to recognise that the privilege against self-incrimination does not protect against the making of an incriminating statement per se but, as noted above, against the obtaining of evidence by coercion or oppression. It is the existence of compulsion that gives rise to concerns as to whether the privilege against self-incrimination has been respected. For this reason, the Court must first consider the nature and degree of compulsion used to obtain the evidence (see Heaney and McGuiness v. Ireland, no. 34720/97, §§ 54-55, ECHR 2000-XII; O'Halloran and Francis, cited above, § 5; and Bykov, cited above, § 92). The Court, through its case-law, has identified at least three kinds of situations which give rise to concerns as to improper compulsion in breach of Article 6. The first is where a*

*suspect is obliged to testify under threat of sanctions and either testifies in consequence (see, for example, Saunders, cited above; and Brusco v. France, no. 1466/07, 14 October 2010) or is sanctioned for refusing to testify (see, for example, Heaney and McGuinness, cited above; and Weh v. Austria, no. 38544/97, 8 April 2004). The second is where physical or psychological pressure, often in the form of treatment which breaches Article 3 of the Convention, is applied to obtain real evidence or statements (see, for example, Jalloh, Magee and Gafgen, all cited above). The third is where the authorities use subterfuge to elicit information that they were unable to obtain during questioning (see Allan v. the United Kingdom, no. 48539/99, ECHR 2002.IX).*

"*268. Testimony obtained under compulsion which appears on its face to be of a non-incriminating nature, such as exculpatory remarks or mere information on questions of fact, may be deployed in criminal proceedings in support of the prosecution case, for example to contradict or cast doubt upon other statements of the accused or evidence given by him during the trial, or to otherwise undermine his credibility. The privilege against self-incrimination cannot therefore reasonably be confined to statements which are directly incriminating (see Saunders, cited above, § 69).*

"*269. However, the right not to incriminate oneself is not absolute (see Heaney and McGuinness, cited above, § 47; Weh, cited above, § 46; and O'Halloran and Francis, cited above, § 53). The degree of compulsion applied will be incompatible with Article 6 where it destroys the very essence of the privilege against self-incrimination (see John Murray, cited above, § 49). But not all direct compulsion will destory the very essence of the privilege against self-incrimination and thus lead to a violation of Article 6 (see O'Halloran and Francis, cited above, § 53). What is crucial in this context is the use to which evidence obtained under compulsion is put in the course of the criminal trial (see Saunders, cited above, § 71).*

"**VI. <u>Fatti</u>**

"Fil-21 ta' Frar 2013, ir-rikorrenti tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, akkużati b'kompliċità ta' reati skont l-Art 115, 124 u 125 tal-Kap. 9, u l-Art 3(1) tal-Kap. 373.

"Sena wara – intalbu b'ittra mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi sabiex jagħtu x-xhieda tagħhom u sabiex jieħdu magħhom xi dokumenti.

"Ix-xhieda kellha tkun dwar l-istess fatti li dwarhom kienu qegħdin akkużati quddiem il-Qorti Istruttorja u cioè dwar ir-rapport tal-Awditur Ġenerali bl-isem: An Analysis of the Effectiveness of Enemalta Corporation's Fuel Procurement.

"Permezz tal-avukat tagħhom, ir-rikorrenti avżaw liċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li huma kienu ser jinvokaw d-dritt tagħhom tas-silenzju.

"Fl-ewwel seduta quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, il-Kumitat għamel referenza għal Ruling tal-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tat-3 ta' Frar 2014 u nforma lir-rikorrenti li dak ir-Ruling kellu jiġi rispettat indipendentement minn proċeduri ta' natura kostituzzjonali.

"B'ittra mibgħuta lill-Kumitat, ir-rikorrenti talbu jekk dak ir-Ruling, in kwantu pronunzjat fil-konfront ta' terz, kienx applikabbli għalihom ukoll.

"Waqt seduta tal-11 ta' Lulju 2014, il-Kumitat iddeċieda li dak ir-Ruling kellu japplika anke fil-konfront tar-rikorrenti.

"Wara dik l-udjenza, ir-rikorrenti – preċiżament fit-22 ta' Settembru 2014 – mexxew bil-proċediment tal-lum.

"**VII. <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

**"i) Id-dritt għal smigħ xieraq**

"Tajjeb jingħad illi meta r-rikorrenti rċevew l-ittra sabiex jidhru quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, mal-ittra kien anness *Guide for witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives, Parliament of Malta*.

"Il-Guide jistabilixxi ċerta prinċipji saljenti :-

> "*Clearly, the underlying principle must be that all protection afforded to witnesses under the Criminal Code CAP 9, the Code of Organisation and Civil Procedure CAP 12 and the Civil Code CAP 16, including protection from incrimination shall be applicable to witnesses appearing before the Public Accounts Committee.*
>
> "*A person who, having been duly served with a copy of the warrant as prescribed in article 3 above, fails, without lawful excuse, to appear before the Committee, or having appeared before the Committee refuses to be sworn or, subject to guideline 19 below, to answer questions shall be guilty of contempt of the House and shall be liable to the penalties prescribed in article 11 of the House of Representatives Ordinance (Cap 113).*
>
> "*...*
>
> "*14. Witnesses must answer all questions put by the Committee, subject to the protection granted to witnesses under the Laws of Malta, and in particular, without prejudice to guideline 19.*
>
> "*...*
>
> "*16. A witness who, subject to guideline 19 below, refuses to answer questions may be reported to the House.*
>
> "*...*

> “***19. No witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her.***

“**Għal din il-Qorti huwa evidenti li fil-Guide for witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives, Parliament of Malta id-deposizzjoni ta’ xhieda hija soġġetta għall-Art 19.**

“Issa fir-ruling li ta l-Speaker fis-seduta tat-3 ta’ Frar 2014, ingħad hekk in konklużjoni:-

> “*... jiddeċiedi li x-xhud Tancred Tabone għandu jidher quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi u għandu jwieġeb id-domandi li jsirulu minn kull membru ta’ dan l-Kumitat, inkluż l-istess Chairman interim, u f’każ ta’ domanda li tista’ tinkriminaħ huwa għandu jitlob li jiġi eżentat milli jwieġeb dik id-domanda. U f’każ li jkun hemm oġġezzjoni minn xi membru fis-sens li jekk dik id-domanda tiġi mwieġba ma tkunx inkriminanti fil-konfront tal-istess xhud Tancred tabone, il-Kumitat għandu allura jitlob direzzjoni mis-Sedja biex tagħti deċiżjoni tagħha dwar jekk dik id-domanda li x-xhud ipprefera li ma jweġibx għax tista’ tinkriminaħ, għandhiex tiġi mwieġba jew le.*

“Fir-ruling kien ċitat l-Art 16 tal-istess Guide.

“**L-Art 16 huwa soġġett għal Art 19.**

“**Fis-sostanza dan ifisser illi xhud ma jistax jiġi sfurzat jirrispondi domanda li tista’ tinkriminaħ.**

“**Dan huwa punt kruċjali.**

“**Ir-rikorrenti m’humiex xhieda kwalunkwe iżda xhieda li huma akkużati u li għaddejjin proċeduri kriminali li jittrattaw l-istess mertu tal-istħarriġ li qed isir mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.**

“**Tajjeb jingħad illi akkużat għandu dritt għas-silenzju waqt illi xhud li ma jkunx akkużat għandu l-jedd illi ma jweġibx għal domandi li jistgħu jinkriminawħ.**

“**Quddiem il-Kumitat Permanenti dwar Kontijiet Pubbliċi, ir-rikorrenti għandhom il-jedd li jinvokaw id-dritt għas-silenzju.**

“**Id-dritt għas-silenzju jissupera l-Art 16 u anke l-Art 19 għaliex dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet igħoddu biss fil-każ ta’ persuni li jkunu ġew mitluba jixhdu iżda li ma jkunux akkużati fi proċeduri kriminali li jkunu għadhom pendenti.**

“Għalhekk is-sitwazzjoni regolata fl-Art 16 hija diversa għaliex hemm persuna tkun qegħda **toġġezzjona** għad-domanda iżda mhux għaliex id-domanda tista’ tinkriminaħ, għaliex jidħol l-Art. 19, iżda għal raġunijiet oħra. F’dak il-każ **biss** għandha tintalab id-direzzjoni tal-Ispeaker.

“Hemm tlett sitwazzjonijiet li jistgħu jiġu identifikati bħala leżivi għall-jeddijiet fondamentali tar-rikorrent:-

“L-ewwel sitwazzjoni hija meta akkużat ikun sfurzat jixhed u jkun minaċċjat b’sanzjonijiet fin-nuqqas. Jekk jixhed, jista’ jkun qed iġorr konsegwenzi sfavorevoli għalih.

“It-tieni sitwazzjoni hija meta jkun hemm pressjoni fiżika jew psikoloġika sabiex jingħataw fatti jew stqarriji.

“It-tielet sitwazzjoni hija meta jsir użu minn sotterfuġi jew stratagemmi sabiex tinkiseb informazzjoni li ma setgħetx tinkiseb waqt l-interrogazzjoni.

“**Fil-każ tal-lum, irriżulta li għalkemm ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma riedx jixhed quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, billi huma akkużati fi proċeduri kriminali pendenti, u allura għandhom il-jedd għas-silenzju, kienu rinfaċċjati bir-Ruling tal-Ispeaker, fejn kienu sejrin jiġu sfurzati illi jixhdu.**

**“Din il-Qorti tgħid illi, rinfaċċjat b’sitwazzjoni ta’ dik ix-xorta, il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi ma kellux jirreferi għar-Ruling li ta l-Speaker fil-konfront ta’ terzi, billi dak ir-Ruling ma kienx qiegħed jissalvagwarda d-dritt tar-rikorrenti għas-silenzju.**

“Skont l-Art 16, *a witness, who subject to guideline 19 below, refuses to answer questions may be reported to the House.*

“Tajjeb jingħad illi fir-Ruling ma kienx imsemmi l-Art 19.

“Għalhekk bir-rifjut tagħhom illi jixhdu ir-rikorrenti seta’ jiġu rappurtati lill-Kamra tad-Deputati.

“Fl-Art 4 tal-linji gwida :-

> “*A person who, having been duly served with a copy of the warrant as prescribed in article 3 above, fails, without lawful excuse, to appear before the Committee, or having appeared before the Committee refuses to be sworn or, subject to guideline 19 below, to answer questions shall be guilty of contempt of the House and shall be liable to the penalties prescribedi n article 11 of the House of Representatives Ordinance*.

“L-Art 11 tal-Kap 13 (Ordinanza dwar l-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati) igħid :-

> “(5) *Bla ħsara għal kull piena ogħla li tista’ tkun maħsuba skont d-dispozizzjonijiet ta’ xi liġi oħra, kull min jikkommetti xi wieħed mir-reati msemmija fis-subartikolu (4) jkun ħati ta’ reat kontra dan l-Att u jeħel meta jinsab ħati, l-piena ta’ twiddiba, jew ta’ priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa ta’ mhux iżjed minn elf, mija u*

*erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69), jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien*.

"**Tenut kont tal-fatt illi dan kollu jidħol fl-ewwel sitwazzjoni li tissemma kemm fil-ġurisprudenza tal-qrati tagħna iżda wkoll fil-ġurisprudenza tal-ECHR, u stante wkoll kif intqal qabel li fir-Ruling li ngħata mill-Ispeaker, l-ordni tal-Ispeaker ma kienx soġġett għad-dritt ta' silenzju, din il-Qorti tqis illi r-Ruling tal-Ispeaker li ngħata fit-3 ta' Frar 2014 huwa leżiv għall-jedd ta' smigħ xieraq tar-rikorrenti.**

"**Għal dak li għandu x'jaqsam mal-linji gwida, għalkemm kull disposizzjoni sostanzjali fejn si tratta ta' xhieda hija soġġetta għall-Art 19, din il-Qorti tgħid illi fis-sitwazzjoni tar-rikorrenti, li għaliex huma akkużati quddiem qorti kriminali b'reati relatati ma' fatti li jkunu qegħdin jiġu nvestigati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi għandhom il-jedd għas-silenzju, il-linji gwida kif dedotti huma lesivi għad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq propju għaliex ma jagħtux kont tal-jedd għas-silenzju li għandhom ir-rikorrenti bħala akkużati.**

"**ii) <u>Id-dritt għal-libertà personali</u>**

"Fis-sentenza li tat fil-21 ta' April 2016 fil-kawża "**Angelo Miraglia vs Id-Direttur Responsabbli għas-Sajd**" din il-Qorti (**PA/JRM**) qalet hekk:-

"*Illi ta' min jgħid li jedd tal-libertà tal-persuna huwa wieħed mill-aktar fundamentali u f'dan ir-rigward jingħad illi "the overall purpose of Article 5 is to ensure that no one should be dispossessed of his liberty in an 'arbitrary fasion'. The essence of Article 5 is that, although the right to liberty is not an absolute one, a person must be detained only on a basis of law and that the law relied upon must be consistent with recognised European standards. Article 5 also safeguards the individual against the illegal deprivation of liberty contrary to Article 5 by requiring that a person in detention be provided with a remedy or remedies by which he can challenge the legality of his detention and obtain compensation if it is not lawful" [Harris, O'Boyle & Warbrick – Law of the European Convention on Human Rights (1995) page 97]*

"*Illi dan ifisser li persuna tista' tinżamm b'arrest jekk kemm-il darba jikkonkorru waħda jew iżjed miċ-ċirkostanzi li l-liġi domestika jew il-Konvenzjoni nnifisha jistabilixxu bħala raġunijiet tajba u serji biex il-prinċipju tal-libertà jkun sagrifikat biż-żamma jew detenzjoni.*

"*Illi b' "arrest" għall-finijiet tal-artikolu 5, wieħed ma jifhimx biss u tabilfors iż-żamma ta' persuna f'faċilità korrettiva jew ħabs. Kemm hu hekk, l-istess artikolu 5(1) jaħseb għal suriet oħrajn ta' żamma ta' persuni f'istituzzjonijiet u taħt ċirkostanzi li mhux tabilfors għandhom x'jaqsmu ma' twettiq ta' reati jew proċedimenti kriminali, iżda li jġibu l-effett li persuna bħal dik titteħdilha l-libertà tagħha li tmu fejn trid, għal kollox jew f'biċċa;*

"*Illi b'mod partikolari, l-artikolu 5(1)(ċ) jipprovdi li "Kulħadd għandu d-dritt għal-libertà u għas-sigurta' tal-persuna. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-libertà tiegħu ħlief fil-każijiet li ġejjin u skond il-proċedura preskritta mil-liġi: … (ċ) l-arrest jew detenzjoni skond il-liġi ta' persuna effettwata sabiex tiġi miġjuba quddiem l-awtorità legali kompetenti fuq suspett raġonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus raġonevolment meħtieġ biex jiġi evitat li tikkommetti reat jew li taħrab wara li tkun għamlet reat.*

"*Illi l-każijiet maħsuba fl-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni, ħlief għall-ewwel ċirkostanza, kollha japplikaw f'kuntest fejn ma jkunx għad hemm kundanna de'inittiva u fejn ir-raġunijiet maħsuba għaċ-ċaħda tal-libertà tal-persuna huma kollha "kawtelatorji" għal xi għan jew ieħor marbut mal-ordni pubbliku. Għalhekk ingħad li dawk iċ-ċirkostanzi għandhom jingħataw tifsira ristretta għall-aħħar u m'għandhom bl-ebda mod jitwessgħu b'tiġbid jew b'analoġija, għaliex ilkoll jimmilitaw kontra l-prinċipju li l-bniedem huwa meqjus konvenzjonali ewlieni li l-ħelsien tal-bniedem huwa prijorità;*

"*Illi, min-naħa l-oħra, l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni, fil-parti rilevanti tiegħu, jipprovdi li:*

> ""*(1) Ħadd ma għandu jiġi pprivat mil-libertà personali tiegħu ħlief kif jista' jkun awtorizzat b'liġi fil-każijiet li ġejjin: …*
>
> ""*(d) fuq suspett raġonevoli li huwa jkun ikkommetta, jew ikun sejjer jikkommetti, reat kriminali; …";*

"*Illi ż-żewġ testi, kemm dak tal-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u kemm dak tal-artikolu 5 tal-Konvenzjoni (li għandhom xebħ kbir bejniethom) jisħqu dwar il-legalità tal-arrest jew żamma, ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi tassativi li jitqiesu bħala l-eċċezzjoni għar-regola. Din il-legalità hija marbuta mal-eżistenza ta' disposizzjoni fil-liġi li tippermetti arrest jew żamma bħal dik. Għalhekk, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-ewwel kriterju li għandu jiġi sodisfatt hu dak li jkun hemm disposizzjoni espressa tal-liġi li tkopri sitwazzjoni bħal dik;"*

"Il-leżjoni lamentata mir-rikorrenti għad-dritt tal-libertà personali tagħhom tirriżulta fit-tielet u fir-raba' talbiet.

"Il-Qorti terga tirreferi għall-konsiderazzjonijiet tagħha dwar il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (op. cit.).

"L-istess konsiderazzjonijiet li għamlet hemm meta sabet vjolazzjoni tal-jedd għal smigħ xieraq igħoddu wkoll għall-vjolazzjoni lamentata għall-jedd tal-libertà personali.

"Għalhekk ladarba rriżulta li kien hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq għar-raġunijiet fuq esposti, l-eċċezzjonijiet għall-applikazzjoni tad-dritt għal-libertà personali m'għandhomx igħoddu għall-każ tal-lum.

"**Ladarba r-Ruling u l-Guide kif fuq ingħad jiksru l-jedd għad-silenzju tar-rikorrenti, eventwali proċediment kontra tagħhom**

**għal nuqqas ta' qima (contempt) u li jista' jwassal għal priġunerija skond il-Kap 113 iwassal għal ksur tal-jedd għal-libertà personali tagħhom għaliex proċediment ta' dak ix-xorta u f'dawk iċ-ċirkostanzi ma jkunx jaqa' fost l-eċċezzjonijiet tassattivi kontemplati mil-liġi.**

"**VIII. Rimedju**

"**Aċċertati l-leżjonijiet, il-Qorti sejra tordna li r-Ruling tal-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati tat-3 ta' Frar 2014, u kull fejn il-linji gwida jirreferu għax-xhieda ta' persuni, m'għandhomx ikunu applikabbli fil-konfront tar-rikorrenti fil-kors tal-proċeduri de quo li qegħdin jiġu kondotti mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi**".

## L-Appell

**6.** Dan hu bażat fuq is-segwenti sottomissjonijiet relevanti għall-finijiet tal-aggravji in kwistjoni.

**7.** Il-konvenut l-Onorevoli Dr. Jason Azzopardi, bħala Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, ma jistax ikun il-leġittimu kontradittur tar-rikorrent peress li l-ewwel Qorti ddikjarat lill-iSpeaker il-leġittimu kontradittur u peress ukoll li l-konvenut l-Onorevoli Dr. Jason Azzopardi, bħala Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, m'huwiex vestit bir-rappresentanza tal-Kumitat in kwistjoni jew tal-Kamra u d-deċiżjoni aħħarija m'hijiex tiegħu iżda tispetta lill-iSpeaker.

**8.** L-ewwel Qorti naqset milli tindika, b'mod ċar, ir-raġuni għaliex ikkonkludiet li l-iSpeaker huwa l-leġittimu kontradittur tar-rikorrenti "meta huwa bl-ebda mod għadu ma ddeċieda materja li se mai trid tiġi riferita

lilu meta titqajjem mill-appellati l-opposizzjoni meħtieġa għad-domandi li jistgħu jsirulu”.

**9.** Il-leġittimu kontradittur f'materja ta' smigħ xieraq jista' jkun biss il-parti avversa f'dak is-smigħ u cioè l-prosekuzzjoni fil-proċediment kriminali u mhux l-iSpeaker li m'għandu x'jaqsam xejn ma' dak is-smigħ u mal-proċeduri kriminali promossi mill-prosekuzzjoni. Ikomplu jissottomettu kif ġej:

> "… L-ewwel Qorti njorat il-fatt li quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi u quddiem il-Kamra ma hu għaddej l-ebda smigħ li fih l-appellati qiegħed jiġi akkużat u allura l-iSpeaker, bħaċ-Ċhairperson tal-Kumitat imsemmi, ma jistax ikun leġittimu kontradittur fuq kawża dwar allegata vjolazzjoni ta' smigħ xieraq meta ma kien qiegħed isir l-ebda smigħ fis-sens tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni quddiem il-Kamra jew quddiem il-Kumitat;".

**10.** L-ewwel Qorti estendiet id-dritt għas-silenzju ferm iżjed minn dak li huwa permess minn interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet Kostituzzjonali jew taħt il-Konvenzjoni Ewropea, partikolarment peress li ċ-ċirkostanzi tal-każ odjern ma jinkwadrawx ruħhom fil-parametri ta' dak li l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea huma intiżi li jipproteġu. Ikomplu jissottomettu fir-rigward:

> "...importanti għas-soluzzjoni tal-presenti vertenza hija li wieħed jifhem sewwa il-funzjoni tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi fi ħdan il-Kamra tad-Deputati. Il-kamra tad-deputati hija fdata bil-kompitu li tivverifika l-aġir tal-gvern biex tassikura li l-gvern jkun dejjem wieħed li jirrifletti r-rieda tal-kamra u fl-aħħar mill-aħħar ir-rieda tal-poplu li jkun eleġġa lil dik il-Kamra. F'dan il-qafas u anke biex id-demokrazija ssib espressjoni sħiħa fil-pajjiż huwa ta' importanza fondamentali d-dibattiti li jsiru fil-kamra, li fost ħwejjeġ oħra huma intiżi biex jikkondizzjonaw u jinfluwixxu b'mod sensibbili fuq l-

opinjoni pubblika. Huwa ukoll importanti li wieħed iżomm f'moħħu li f'dak li jirrigwarda finanzi l-gvern irid jagħti rendikont lill-pubbliku in ġenerali, liema rendikont jingħata permezz tal-kamra li tirrappreżentah. Il-funzjoni tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi huwa li jara u jiddibatti materja li tirrigwarda kontijiet pubbliċi; għalhekk id-dibattitu fi ħdan dak il-kumitat huwa essenzjali mhux biss biex il-kamra tkun tista' tieħu deċiżjonijiet għaqlija imma anke biex il-pubbliku jinżamm informat dwar il-mod kif ikunu qiegħdin jiġu ġestiti l-kontijiet pubbliċi. Il-prosekuzzjoni ta' reati hija għalhekk ħaġa kompletament aljena għad-dibattitu tal-kamra u ħaġa li tesorbita kompletament mill-funzjoni tagħha u hija ħaġa li hija riservata għall-ġudizzju tat-tribunali ordinarji. L-esponent iħoss li l-ilment tar-rikorrent ma jirrigwardax tant dak li qiegħed jiġri fil-kamra tad-deputati jew fil-kumitat dwar il-kontijiet publiċi, imma jirrigwarda dak li qiegħed jiġri fil-proċeduri kriminali mibdija kontra tiegħu. Jekk ir-rikorrenti ser isofri menomazzjoni għad-dritt tiegħu għal smigħ xieraq huwa f'dawk il-proċeduri u in kontradittorju tal-prosekuzzjoni li huwa jrid ifittex ir-rimedju tiegħu u mhux f'dawn il-proċeduri. Għalhekk huwa evidenti li l-intimati, li ma huma bl-ebda mod parti fil-proċeduri kriminali, ma jistgħu ikunu bl-ebda mod il-kontraditturi leġittimi fil-proċeduri preżenti. Kien dejjem possibili għar-rikorrent ifittex dawk l-ordnijiet li kienu fil-kompetenza tat-tribunali kriminali biex jagħtu dawk id-direttivi li kien jidhrilhom meħtieġa biex id-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq jiġi salvagwardat; minn dan ir-rikorrenti ma għamlu xejn u aġixxew biss fil-konfront tal-intimati meta l-intimati ma huma f'ebda qagħda li jagħtuhom ebda tip ta' rimedju fir-rigward tal-lanjanzi tagħhom għaliex dak l-ilment tagħhom jirrigwarda s-smigħ li huma ser jirċievu fit-tribunal kriminali u mhux tant il-proċeduri quddiem il-Kumitat preżenti.

"Huwa wkoll paċifiku li quddiem it-tribunal kriminali u fil-qafas tal-proċeduri kriminali r-rikorrent appellati għandu mhux biss id-dritt li ma jinkriminax ruħu imma d-dritt għas-silenzju. Dan ifisser li jagħżel ir-rikorrenti jekk iridx jagħti x-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti Kriminali fil-qafas tal-proċeduri kriminali biex b'hekk jiddefendi l-posizzjoni tiegħu. Naturalment id-dritt għas-silenzju jestendi ruħu għal dawk il-proċeduri li jippreċedu l-proċeduri kriminali u li huma ntiżi f'ċertu sens biex jifformaw parti mill-istess proċeduri kriminali. Għalhekk huwa evidenti li d-dritt għas-silenzju tal-akkużat jestendi ukoll għal kull interrogatorju li jista' jsirlu fil-qafas tal-investigazzjonijiet tal-pulizija għalkemm illum huwa possibili li ċertu inferenzi jiġu tratti minn dak is-silenzju fiċ-ċirkostanzi kongruwi, u f'dan ir-rigward huma rilevanti pronunzjamenti ġudizzjarji aċċennati anke fis-sentenza appellata fis-sens illi d-dritt għas-silenzju m'huwiex assolut. Il-kwistjoni għalhekk li għandha tiġi mqiegħda hija jekk id-dritt tas-silenzju hux dritt ġenerali li jestendi ruħu għal ċirkostanzi u proċeduri li m'għandhom xejn x'jaqsmu mal-proċeduri kriminali u għalkemm jistgħu jirrigwardaw suġġetti affini l-għan tagħhom ikun distint u differenti minn dak tal-proċeduri kriminali fejn l-iskop ewlieni huwa li tiġi determinata l-ħtija o meno tal-akkużat. Fil-

proċeduri quddiem il-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi ma hemm l-ebda akkużat u l-għan tal-proċeduri ma huwiex li tiġi stabbilita xi ħtija kriminali jew altrimenti ta' xi individwu partikolari; l-unika għan ta' dawk il-proċeduri huwa li l-gvern jagħti rendikont sħiħ u fidil u korrett tal-ġestjoni da parti tiegħu tal-fondi pubbliċi. Għal dan il-għan il-Kumitat ikollu bżonn li jisma' xhieda; naturalment fejn mistoqsija lil xhud tista' tinkriminaħ dan jista' jagħżel li ma jirrispondihiex u dak id-dritt tiegħu huwa maħsub u protett anke fil-linji gwida b'mod li x-xhud li jaħseb li r-risposta tiegħu tista' tesponiħ għar-responsabilità kriminali jista' ma jirrispondix. Għalhekk f'dak is-sens id-dritt għas-silenzju tar-rikorrent huwa protett anke mill-linji gwida. Imma l-posizzjoni tar-rikorrenti appellati tmur oltre dan billi huwa jippretendi li la darba huwa għaddej minn proċeduri kriminali huwa għandu l-privileġġ li ma jidhirx quddiem il-kumitat u ma jirrispondi għall-ebda domanda ta' dak il-Kumitat sija jekk dik ir-risposta tkun tista' twassal biex tinkriminaħ sija jekk dik ir-risposta tkun kompletament newtra. Ir-rikorrent jereġi d-dritt tiegħu għas-silenzju fi dritt sħiħ li bl-ebda mod ma jitkellem quddiem il-Kumitat u mhux li ma jitkellimx jekk ir-risposti jistgħu jinkriminawħ. B'dan il-mod il-proċeduri quddiem il-Kumitat ġew reżi, f'għajnejn ir-rikorrent, u anke, bl-akbar rispett, f'għajnejn l-ewwel Onorabbli Qorti li sabet favur it-teżi tar-rikorrent, bħala parti integrali minn dawk il-proċeduri mill-investigazzjoni kriminali fejn l-akkużat jgawdi dritt għas-silenzju kif mifhum fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati u tal-Qorti ta' Strasburgu. It-teżi tal-esponent hija li fir-rigward ta' proċeduri bħal ma huma dawk preżenti quddiem il-Kumitat tal-parlament ix-xhud, li huwa r-rikorrenti appellati, igawdi ċertament id-dritt kontra l-auto-inkriminazzjoni, cioè jgawdi mid-dritt li bir-risposti tiegħu ma jinkriminax ruħu u li ma jirrispondix fejn dik ir-risposta tista' twassal biex huwa jinkrimina ruħu imma ma jgawdix id-dritt għas-silenzju u cioè id-dritt li ma jippreżentax ruħu bħala xhud u dan fuq il-punt biss li huwa għaddej jew suġġett għal proċeduri kriminali. Tali pożizzjoni twassal bir-rispett għal stultifikazzjoni tal-proċeduri parlamentari billi tirrendihom impossibbli, waqt li l-għan għandu jkun li dan dejjem għandu jkun possibbli biex tibqa' ħajja d-demokrazija fil-pajjiż. F'demokrazija parlamentari effettiva, tali pożizzjoni tillimita serjament funzjoni parlamentari primarja fejn jirrigwarda l-iskrutinju tal-Eżekuttiv mill-Leġiżlattiv anke permezz tal-Kumitati Parlamentari. Din is-setgħa toħroġ mill-leġiżlazzjoni sussidjarja L.S.Kost. 02, partikolarment l-Ordni Permanenti 120E li tittratta l-funzjonijiet tal-istess Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi ...

"...

"...

"Din il-funzjoni tista' titwettaq b'mod effikaċi u effettiv biss jekk is-setgħa li kull Kumitat għandu li jsejjaħ xhieda skont l-Ordni Permanenti 132 ma tiġix attakkata u mdgħajjfa.

"Jekk ix-xhud iħoss li risposta tista' tinkriminah għandu l-istess privileġġ li tagħti l-proċedura ċivili normali li tagħtiħ il-fakulta' li ma jirrispondix fejn huwa jaħseb li risposta tista' tinkriminaħ u dan skont l-artikolu 19 tal-linji gwida li ġew adottati mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

"F'liema każ il-Kumitat għandu dejjem il-fakulta' li jiltaqa' fil-magħluq fejn ma jitħallewx media jew pubbliku jassistu għad-dibattitu, ma jinżammux minuti, il-proċeduri ma jiġux trasmessi u fejn ma jinżammux rekords tat-traskrizzjoni jew rekords awdjo viżivi.

"Dan hija d-direzzjoni li tista' tagħti s-Sedja lill-Kumitat anke f'każ li Membru jqajjem oġġezzjoni għal xi mistoqsija li ssir minn Membru ieħor tal-Kumitat lil xhud skont l-artikolu 16 tal-linji gwida fuq imsemmija, liema linja gwida hija wkoll suġġetta għal-linja gwida 19 li espressament tagħti d-dritt lix-xhud ma jweġibx f'każ li jħoss li bit-tweġiba tiegħu jista' jinkrimina ruħu".

**11.** Iżidu jgħidu li:

"Dan is-salvagward jista' wkoll jissaħħaħ permezz ta' emendi kemm għall-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, kemm għall-linji gwida kif ukoll għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili sabiex, fost affarijiet oħra, jiġu ntrodotti provvedimenti li jipprekludu l-possibilta' li xhieda mogħtija quddiem Kumitat tkun tista' tiġi użata bħala evidenza quddiem Qorti u li b'hekk aktar jiġi msaħħaħ anke b'deċiżjoni ulterjuri tas-Sedja. Dawn huma wħud mir-rimedji li l-Qorti kellha *se mai* tagħti f'forma ta' rakkomandazzjonijiet u mhux tiddeċiedi dwar l-applikabilità ta' deċiżjoni tas-Sedja fi proċedura li għadha għaddejja fil-Parlament Malti. Tali posizzjoni tillimita serjament funzjoni parlamentari primarja fejn jirrigwarda l-iskrutinju tal-finanzi pubbliċi, kif ukoll, u mhux b'inqas id-dritt mogħti lill-Kamra tad-Deputati bl-Ordnijiet Permanenti u bil-Kostituzzjoni li tirregola l-proċeduri tagħha. Sta għall-Kamra li tiddeċiedi jekk imbagħad tilqax ir-rakkomandazzjonijiet tal-Onorabbli Qorti, kemm permezz ta' reviżjoni tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, tal-linji gwida jew ta' deċiżjoni tas-Sedja. Dan kif wara kollox diġa' isir meta s-Sedja tinforma lill-Kamra li tkun irċeviet sentenzi mill-Qorti li fihom ikun ġie rimarkat li hemm xi provvedimenti ta' xi liġi li jmorru kontra l-Kostituzzjoni. Biex dawn il-provvedimenti jiġu reżi nulli jew emendati, jkun jeħtieġ l-approvazzjoni tal-Kamra.

"Illi f'dan il-kuntest ukoll issir referenza għas-sentenza tal-Qorti Ewropea fi Strasburgu fil-kawża *I.J.L., G.M.R. and A.K.P. vs United Kingdom* mogħtija fid-19 ta' Settembru 2000 mill-Grand Chamber, fejn ġie ritenut li l-garanziji tal-Artikolu 6 ma japplikawx għal investigazzjoni kondotta minn korp amministrattiv u li tali proċeduri ma kienux parti minn proċess kriminali:

"'However, the applicants are not correct in their assertion that a legal requirement for an individual to give information demanded by an administrative body necessarily infringes Article 6 of the Convention.

"The Court considers that whether or not information obtained under compulsory powers by such a body violates the right to a fair hearing must be seen from the standpoint of the use made of that information at the trial. It is the applicants' view that, at the interview stage, the inspectors were in effect determining a "criminal charge" within the meaning of Article 6 § 1 and on that account the guarantees laid down in Article 6 should have been applied to them. The Court does not accept that submission and refers in this connection to the nature and purpose of investigations conducted by DTI inspectors. It observes that, in its judgment in the case of Fayed v. the United Kingdom, the Court held that the functions performed by the inspectors appointed under section 432(2) of the Companies Act 1985 were essentially investigative in nature and that they did not adjudicate either in form or in substance. Their purpose was to ascertian and record facts which might subsequently be used as the basis for action by other competent authorities – prosecuting, regulatory, disciplinary or even legislative (judgment of 21 September 1994, Series A no. 294-B, p. 47, § 61.) As stated in that case, a requirement that such a preparatory investigation should be subject to the guarantees of a judicial procedure as set forth in Article 6 *§* 1 would in practice unduly hamper the effective regulation in the public interest of complex financial and commercial activities (ibid., p. 48, § 62). It is to be further observed that the Court in its Saunders judgment impliedly confirmed this approach (judgment cited above, p. 2064, § 67).'"

**12.** L-appellanti jkomplu jirrilevaw li l-ewwel Qorti naqset li tqis il-fattur kruċjali li quddiem il-Kumitat l-appellati ma kienux akkużati u li dawk il-proċeduri bl-ebda mod ma jistgħu jikkomparaw ruħhom ma' investigazzjoni tal-Pulizija li tista' twassal għal smigħ li fih l-appellati ikun akkużat. Ikomplu jissottomettu kif ġej:

"...is-sentenza appellata applikat prinċipji applikabbli għall-akkużati fejn ma kienx hemm akkużat. L-appellati għandhom il-jedd għas-silenzju (kif mifhum fil-ġurisprudenza) fil-proċeduri kriminali fejn huwa akkużat u fejn jista' jiġi misjub ħati, iżda ma għandux dritt li ma jixhidx quddiem il-Kamra fjen huwa mhux akkużat. L-appellati jista' jkollu wkoll dritt li jitlob li x-xhieda tiegħu mogħtija quddiem il-

> Kamra ma tiġix użata kontra tiegħu fil-proċeduri Kriminali, u din it-talba jrid se mai jagħmilha quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni penali, iżda mhux li jirrifjuta *a priori* li jidher quddiem il-Kumitat;".

**13.** Jikkonkludu billi jissottomettu illi:

> "...illum aħna għadna fi stadju fejn għadha ma saret l-ebda domanda lix-xhud u għalhekk huwa anke prematur li wieħed jgħid jew jissupponi li dak id-dritt tiegħu ser jiġi leż għaliex dan jista' jiġi biss determinat fid-dawl tal-eventwali domandi li jsirulu u mhux in astratt mingħajr l-ebda riferenza għad-domandi li jistgħu jitpoġġew lilu. Fil-preżent bir-rispett qiegħdin fil-kamp ta' dak li huwa merament ipotetiku".

**14.** Għar-raġunijiet premessi l-konvenuti jitolbu lil din il-Qorti jogħġobha:

> "1. Tbiddel is-sentenza in parte tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tas-26 ta' Mejju 2016 fl-ismijiet premessi fis-sens illi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu ddeċidiet li l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati Dr. Angelo Farrugia u ċ-Chairperson tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi l-Onorevoli Dr. Jason Azzopardi in rappreżentanza tal-Kamra tad-Deputati u tal-imsemmi Kumitat rispettivament m'humiex leġittimi kontraditturi, tħassarha u tirrevokaha fejn iddikjarat li l-appellanti fil-kwalità tagħhom ta' Speaker u Chairperson huma leġittimi kuntraditturi u minflok tgħaddi biex tiddeċiedi li ma humiex leġittimi kuntraditturi u għalhekk tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju u tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża; u
>
> "2. tħassar u tirrevoka kompletament is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tal-31 ta' Jannar 2017 u, f'każ li għal xi raġuni ma tastjenix milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-kawża kif fuq mitlub, tgħaddi biex tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti appellati;
>
> "Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati".

**15.** Ir-rikorrenti minn naħa tagħhom, għar-raġunijiet hawn taħt imfissra, qed jitolbu lil din il-Qorti tikkonferma fl-intier tagħhom is-

sentenzi tal-ewwel Qorti tas-26 ta' Mejju, 2016 u tal-31 ta' Jannar, 2017, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti.

**16.** Ir-rikorrenti jibdew billi jirreferu għall-appell tal-konvenuti mis-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fis-26 ta' Mejju 2016 u jargumentaw illi f'dan il-każ il-konvenuti qed jintavolaw appell dwar kwistjoni li fuqha qatt ma ngħatat eċċezzjoni. Ikomplu jissottomettu kif ġej:

> "... Il-fatt li l-Qorti ddikjarat, għall-finijiet ta' kjarezza, li l-intimati l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati u ċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, in kwantu mħarrkin ut sic, huma leġittimi kontradditturi tal-esponenti, ma jista' qatt iwassal għall-konklużjoni li ngħatat eċċezzjoni mill-intimati dwar il-posizzjoni tagħhom ut sic. L-appell mis-sentenza tas-26 ta' Mejju, 2016 għandu jiġi miċħud għal din ir-raġuni biss.
>
> "Illi jingħad bl-akbar rispett li l-aggravju fir-rigward ta' din is-sentenza huwa intiż, bħal fil-każ tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet li llum għaddew in ġudikat, sabiex l-intimati ma jirrispondux f'sede kostituzzjonali għall-aġir tagħhom li huwa proprju l-meritu ta' din il-kawża".

**17.** Fir-rigward tal-argument l-ieħor imressaq mill-konvenuti fl-appell tagħhom mis-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fis-26 ta' Mejju, 2016 – li ċ-Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi *ut sic* m'huwiex il-leġittimu kontradittur – ir-rikorrenti jagħmlu s-segwenti sottomissjonijiet:

> "... jirriżulta minn Dok PC4 u Dok PC8 li t-talba biex jixhdu l-esponenti saret minn Anna Brincat għan-nom taċ-Chairman tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Nonostante li l-esponenti infurmaw liċ-Chairman li kienu akkużati b'reati potenzjalment konnessi mal-meritu tal-inkjesta parlamentari u li kienu qed jinvokaw id-dritt tagħhom tas-silenzju, huma ġew mistiedna mill-istess Chairman sabiex josservaw ir-*Ruling* tal-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati tat-3 ta' Frar, 2014 u l-*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives*

> ammenoche' ma jintavolawx kawża kostituzzjonali. Di piu', kien il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li ddeċieda li dak ir-*Ruling* – li kien ingħata mhux fil-konfront tagħhom iżda fil-konfront ta' Tancred Tabone – kellu japplika *mutatis mutandis* għalihom. Għalhekk kienet korretta l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede Kostituzzjonali) meta ddikjarat li l-intimat Chairperson tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi huwa leġittimu kontradittur tal-esponenti".

**18.** Iżidu illi l-konvenuti huma żbaljati fis-sottomissjoni tagħhom illi l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati m'huwiex il-leġittimu kontradittur in kwantu "(i) għadu ma ddeċidiex materja li tista' "tiġi riferita lilu meta titqajjem mill-appellati l-opposizzjoni meħtieġa għad-domandi li jistgħu jsirulu" u (ii) ma huwiex il-parti avversa fil-proċedimenti kriminali u ma hu għaddej l-ebda smigħ li fih l-esponenti qed jiġu akkużati". Jispjegaw l-argument tagħhom kif ġej:

> "... Fir-rigward tal-ewwel punt l-esponenti josservaw bl-akbar rispett li l-intimati huma żbaljati in kwantu l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati ġja' ddeċieda dwar il-modalità tas-smigħ tax-xhieda bir-*Ruling* tiegħu tat-3 ta' Frar, 2014 b'mod li, kif ser jiġi spjegat, poġġa lilu nnifsu fl-impossibilità li josserva l-istess *Ruling.* Fir-rigward tat-tieni punt qed jiġi rilevat li d-dritt tas-silenzju huwa dritt li japplika fi kwalsiasi *forum* u mhux biss fil-proċeduri fejn persuni jkunu qed jiġu akkużati b'reati kriminali. Altrimenti naslu fl-assurd li l-uffiċjal investigatur jew prosekutur ikun jista' jkompli jinterroga lil persuni akkużati wara li dawn ikunu ġja' tressqu l-Qorti, basta li dan isir barra mill-Qorti!".

**19.** Fir-rigward tal-appell tal-konvenuti mis-sentenza tal-ewwel Qorti tal-31 ta' Jannar, 2017 l-atturi jissottomettu illi d-drittijiet fondamentali tan-nies huma ferm aktar importanti minn kwalsiasi rwol li jista' jkollu l-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

**20.** Iżidu li l-konvenuti huma żbaljati fir-raġunament tagħhom li d-dritt tas-silenzju ma japplikax fi proċeduri fejn ix-xhud ma jkunx akkużat b'reati ta' natura penali. Ikomplu jissottomettu fir-rigward:

> "... illum jidher li s-sottomissjonijiet tal-intimati ħadu xejra li d-dritt tas-silenzju ma japplikax fi proċeduri fejn ix-xhud ma jkunx akkużat b'reati ta' natura penali irrispettivament mill-fatt li x-xhieda pretiża tkun dwar fatti li jkun akkużat bihom fi proċeduri kriminali separati. Dan huwa bl-akbar rispett żbaljat u l-modalità magħżula mill-intimati hija prova ta' dan. Infatti, kif spjegat fir-rikors promotur, l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati, bir-*Ruling* tiegħu, poġġa lilu nnifsu fl-impossibilità li jagħmel dak li jgħid l-istess *Ruling.* F'dak ir-*Ruling* jingħad li f'każ li tqum kwistjoni dwar jekk ir-risposta' ta' domanda tistax tkun inkriminanti fil-konfront tax-xhud, il-Kumitat għandu allura jitlob direzzjoni mis-Sedja biex tagħti d-direzzjoni tagħha dwar jekk dik id-domanda għandhiex tiġi mwieġba jew le. Qed jiġi rilevat li s-Sedja ma hijiex edotta la mill-kontenut tal-atti tal-istruttorja li qed issir fil-konfront tal-esponenti (vide artikolu 518 tal-Kodiċi Kriminali) u wisq anqas mill-eventwali linji ta' difiża tal-istess esponenti. U allura wieħed jistaqsi: kif bi ħsiebu jivverifika jekk domanda tistax tinkrimina lill-esponenti o meno?".

**21.** Jenfasizzaw illi huma m'humiex xhieda ordinarji iżda huma imputati fi proċeduri penali li għadhom pendenti u li d-dritt għas-silenzju u d-dritt ta' persuna li ma tinkriminax ruħha huma t-tnejn protetti bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

**22.** Jikkonkludu billi jissottomettu illi "d-dritt tas-silenzju huwa dritt universali li jipprexxindi mill-*forum* li fih ikun qed jiġi interrogat, intervistat jew jixhed persuna akkużata b'reat kriminali".

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

**23.** Din il-Qorti tibda billi tirrileva li ma sar l-ebda appell mill-parti tas-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fis-26 ta' Mejju, 2016 fejn iddeċidiet

li l-Onorevoli Speaker tal-Kamra tad-Deputati Dr. Angelo Farrugia u ċ-Chairperson tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi l-Onorevoli Dr. Jason Azzopardi in rappreżentanza tal-Kamra tad-Deputati u tal-imsemmi Kumitat rispettivament m'humiex leġittimi kontradittori. Din il-parti tas-sentenza msemmija għalhekk għaddiet in ġudikat.

*Appell mis-Sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fis-26 ta' Mejju, 2016*

**24.** In kwantu għal dan l-appell ir-rikorrenti appellati jissottomettu li l-appellanti qiegħdin jintavolaw appell dwar kwistjoni li fuqha qatt ma ngħatat eċċezzjoni tant li it-tielet eċċezzjoni tagħhom ġiet kjarament akkolta mill-ewwel Qorti waqt li r-raba' eċċezzjoni fis-sens li l-azzjoni hija "għalhekk" monka u inkompleta hija neċessarjament konsegwenzjali għat-tielet eċċezzjoni.

**25.** Ir- raba' eċċezzjoni li hi konċernata f'dan l-appell hi kif ġej:

> "4. Illi għalhekk il-proċedura hija evidentement monka u inkompleta għaliex jonqos leġittimu kontradittur fil-ġudizzju billi l-intimati ċertament ma humiex leġittimi kontradittur f'dan il-ġudizzju".

**26.** Huwa manifest, għaldaqstant, li r-raba' eċċezzjoni fiha żewġ partijiet, fejn l-ewwel parti tagħha dwar l-azzzjoni meqjusa monka u inkompleta hija konsegwenzjali għat-tielet eċċezzjoni waqt li t-tieni parti tagħha li tirrigwarda in-nuqqas ta' leġittimità passiva tal-intimati hija indipendenti u *a se stante*. Dan qiegħed jingħad apparti l-konsiderazzjoni li l-eċċezzjoni tal-illeġittimità tal-persuna hija eċċezzjoni

perentorja u mhux dilatorja u in kwantu tali sollevabbli anke fl-appell ukoll jekk ma tkunx ġiet sollevata fl-ewwel istanza.[1]

**27.** Jeħtieġ għalhekk li din il-Qorti tindirizza l-aggravju tal-appellanti dwar kif l-ewwel Qorti ddisponiet minn din l-eċċezzjoni fis-sentenza tagħha tas-26 ta' Mejju 2016.

**28.** L-appellanti jilmentaw li, għar-rigward tal-initmat Onorevoli Dr. Jason Azzopardi bħala Chairman tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, in kwantu li, kif jirriżulta mill-ordnijiet permanenti tal-kamra, id-deċiżjoni aħħarija ma hix tiegħu imma tispetta lill-iSpeaker, l-istess Chairman ma jistax jirrispondi għal aġir li ma huwiex tiegħu.

**29.** Il-leġittimità passiva tal-intimati tiddependi minn natura tat-talbiet u l-premessi tar-rikorrenti fl-att promotur tal-ġudizzju. Ir-rikorrenti jsostnu li l-Gwida intitolata "*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House Representatives*" fih innifsu jikser id-dritt tagħhom għal smigħ xieraq in kwantu jobbligahom iwieġbu l-mistoqsijiet tal-membri tal-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi kif ukoll jikser id-dritt tagħhom tal-libertà personali in kwantu jesponihom potenzjalment għat-telf tal-libertà personali tagħhom. L-Onorevoli Dr. Jason Azzopardi, bħala Chairman tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, huwa responsabbli għat-treġija tal-proċeduri

[1] Q App Joseph Valentino noe. v Gio Andrea Vassallo et, 8/4/1957, XLI.i.637

quddiemu kif ukoll għall-esekuzzjoni ta' kwalunkwe ordnijiet jew direttivi li jisgħu jingħatawlu mill-iSpeaker tal-Kamra tad-Deputati.

**30.** Inoltre, huwa proprju fuq talba tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li r-rikorrenti appellati ntalbu jagħtu x-xhieda tagħhom quddiem l-istess Kumitat (Dok PC8, fol 36) u ġew mill-istess Kumitat riferuti għall-*Guide* fuq imsemmi li qiegħed jiġi impunjat mir-rikorrenti bħala leżiv tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tiegħu. Barra minn hekk jirriżulta wkoll li r-rikorrenti ġew mill-Kumitat avviżati li r-*Ruling* tal-i*Speaker* tat-3 ta' Frar 2014 fil-konfront ta' terżi kien japplika wkoll għalihom. L-istess *Ruling* qiegħed ukoll jiġi impunjat f'dawn il-proċeduri mir-rikorrenti bħala leżiv tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali tagħhom.

**31.** Il-premess huwa suffiċjenti sabiex jilleġittima lic-*Cħairman* tal-Kumitat imsemmi sabiex iwieġeb għat-talbiet tar-rikorrenti f'dawn il-proċeduri u l-fatt li l-ewwel Qorti ddikjarat lill-iSpeaker bħala wkoll leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri ma jbiddel xejn minn din il-konklużjoni.

**32.** Niġu issa għall-i*Speaker*.

**33.** Ma hux kontestat li l-Linji Gwida impunjati f'dawn il-proċeduri jorbtu lill-i*Speaker* u li r-*Ruling* li wkoll qiegħed jiġi impunjat f'dawn il-proċeduri ingħata mill-i*Speaker.* Dan ukoll hu biżżejjed sabiex jilleġittima l-preżenza tal-i*Speaker* f'dawn il-proċeduri sabiex iwieġeb

għall-pretensjonijiet tar-rikorrenti. Il-fatt li l-i*Speaker* għadu ma tax deċiżjoni fil-materja speċifika li se mai trid tiġi riferita lilu fi stadju ulterjuri tal-proċeduri quddiem l-Kumitat jista' jagħti lok, jekk hekk jirriżulta li jkun il-każ, għal konsegwenzi legali oħra bħal li ma tiġix konstatata ebda leżjoni iżda mhux li l-iSpeaker jinstab nieqes mill-leġittimità passiva f'dawn il-proċeduri.

**34.** Barra minn dan kollu, ladarba d-decizjoni relevanti finali tkun tal-iSpeaker, ghall-ghanijiet tal-effikacja tas-sentenza jkun utli li l-iSpeaker wkoll ikun parti.

**35.** Fid-dawl tas-suespost, dan l-aggravju ma jistax jintlaqa' u sentenza appellatat tas-26 ta' Mejju, 2016 ser tiġi konfermata fl-intier tagħha.

*Appell mis-Sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fil-31 ta' Jannar, 2017*

**36.** Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti l-pern tal-kwistjoni li għandha quddiemha toħroġ mill-pretensjoni tal-atturi appellati illi ladarba ġew akkużati quddiem qorti kriminali b'reati kriminali relatati ma' fatti li qed jiġu nvestigati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi, huma għandhom id-dritt għas-silenzju quddiem l-istess kumitat u konsegwentement m'għandhom l-ebda obbligu li jidhru quddiemu sabiex jagħtu x-xhieda tagħhom u sabiex jipproduċu d-dokumenti li ġew mitlubin jieħdu magħhom. Fil-fehma tagħhom, ġialadarba tressqu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala qorti istruttorja akkużati

b'kompliċità fir-reati kontemplati fl-Artikoli 115, 124 u 125 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll bir-reat kontemplat fl-Artikolu 3(1) tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, huma m'għandhomx biss id-dritt li ma jirrispondux domandi magħmulin lilhom mill-Kumitat li jistgħu jinkriminawhom fil-proċeduri kriminali msemmijin iżda għandhom ukoll id-dritt tas-silenzju li, fost affarijiet oħra, jagħtihom id-dritt li ma jidhrux quddiem l-istess Kumitat sabiex jagħtu x-xhieda tagħhom u sabiex jipproduċu d-dokumenti rikjesti minnhom.

**37.** Dak li qiegħed jintalab li jiġi deċiż f'dawn il-proċeduri, għalhekk, huwa jekk il-Linji Gwida in kwistjoni u invokati mill-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra u r-R*uling* mogħti mill-istess *Speaker* fit-3 ta' Frar, 2014 jiksrux id-dritt fondamentali għas-smigħ xieraq tal-atturi appellati sanċit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u d-dritt fondamentali tagħhom għall-libertà personali sanċit bl-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea u bl-Artikolu 34 tal-Kostituzzjoni peress li l-Linji Gwida u r-*Ruling* imsemmija ma jipprovdux għal dan id-dritt tas-silenzju u peress ukoll li l-atturi appellati jistgħu jiġu puniti b'piena ta' priġunerija effettiva jekk jonqsu milli jidhru quddiem il-kumitat mingħajr raġuni ġusta.

**38.** Jiġi puntwalizzat mill-bidu li d-dritt għal smigħ xieraq taħt l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jsemmix espressament id-dritt li persuna ma tinkriminax lilha  nfisha jew id-dritt għas-silenzju iżda dawn id-drittijiet ġew meqjusa mill-ġurisprudenza tal-Qorti fi Strasburgu bħala li

jemanaw mid-dritt għal smigħ xieraq li fil-Kostituzzjoni tagħna u mħares bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

**39.** Fl-ewwel lok din il-Qorti tinnota li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni min-naħa tal-atturi appellati dwar in-natura tal-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi. Huma ma kkontestawx il-fatt li l-proċeduri msemmijin m'humiex intiżi sabiex issir xi determinazzjoni dwar xi dritt jew obbligu ċivili jew dwar imputazzjoni kriminali iżda huma proċeduri essenzjalment amministrattivi ta' natura investigattiva sabiex jiġu stabbiliti l-fatti anki jekk il-fatti stabbiliti jistgħu jagħtu lok eventwalment għal xi azzjoni minn awtoritajiet oħra. F'dawn iċ-ċirkostanzi il-Qorti fi Strasburgu rriteniet li jkunx hemm vjolazzjoni tad-dritt għal smigħ xieraq fil-każ ta' informazzjoni ottenuta b'setgħat obbligatorji jkun jiddependi mill-użu li jsir minn dik l-informazzjoni fil-proċess.[2]

**40.** Di fatti r-rikorrenti appellati ma jsostnux li l-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti jinkwadraw bħala proċeduri fid-determinazzjoni ta' dritt jew obbligu ċivili jew ta' imputazzjoni kriminali iżda jippretendu li għandhom id-dritt għas-silenzju u li ma jinkriminawx ruħhom unikament minħabba l-fatt li huma ġew akkużati fi proċeduri oħrajn quddiem qorti kriminali bir-reati hawn fuq imsemmijin. Ġia ladarba ma kien hemm l-

[2] ECHR **I.J.L. and Others v The United Kingdom**, 19/12/2000 #100; ara wkoll **Fayed v The United Kingdom**, 21/9/1990 #61; **Saunders v The United Kingdom,** 17/12/1996

ebda kontestazzjoni, din il-Qorti m'hijiex ser tindaga oltre dwar in-natura tal-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

**41.** B'danakollu il-linja gwida 19 tipprovdi li "No witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her" u għalhekk il-Linji Gwida nfushom, hi x'inhi n-natura tal-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti, jagħtu lil kull x-xhud id-dritt li ma jiġix kostrett jinkrimina lilu nnifsu.

**42.** F'dawn il-proċeduri, iżda, din il-Qorti ma hix msejjħa tiddeċiedi jekk dak li sar u qiegħed isir fil-Kumitat Permanenti hux konformi mal-Linji Gwida msemmija iżda dak li ġiet msejjħa tiddeċiedi din il-Qorti hu jekk l-istess Linji Gwida u r-*Ruling* tal-i*Speaker* fihom nfushom jilledux id-drittijiet kostituzzjonali u konvenzjonali invokati mir-rikorrenti.

**43.** Ġia ġie stabbilit li proċeduri ta' natura investigattiva sabiex jiġu stabbliti l-fatti bħal dawk quddiem il-Kumitat Permanenti ma jinkwadrawx fi proċeduri għad-determiazzjoni ta' dritt jew obbligu ċivili jew ta' imputazzjoni kriminali. Il-Qorti fi Strasburgu, iżda, irriteniet li d-dritt kontra l-awtoinkriminazzjoni u d-dritt għas-silenzju li jinsiltu mid-dritt għal smigħ xieraq huma xorta waħda invokabbli mill-individwu fi proċeduri bħal dawn fejn kontestwalment mal-proċeduri msemmija jkunu qegħdin jittieħdu kontra tiegħu proċeduri tax-xorta li jaqgħu fil-parametri tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

**44.** Hekk fil-każ **Shannon v. United Kingdom** fejn l-applikant kien ġie msejjaħ biex jiġi intervistat minn investigaturi finanzjarji kien ġia ġie imputat mill-pulizija b'reati ta' *false accounting* u *conspiracy to defraud* il-Qorti rriteniet li:

> "41. .... the requirement for the applicant to attend an interview with financial investigators and to be compelled to answer questions in connection with events in respect of which he had already been charged with offences was not compatible with his right not to incriminate himself. There has therefore been a violation of Article 6 § 1 of the Convention". [3]

**45.** Għaldaqstant, fil-proċeduri pendenti quddiem il-Kumitat Permanenti dwar Kontijiet Pubbliċi, ir-rikorrenti għandhom id-drittijiet li ma jiġux kostretti jinkriminaw lilhom infushom u d-dritt tas-silenzju liema drittijiet, kif rajna, jiskaturixxu mid-dritt għal smigħ xieraq u dan in vista tal-fatt li kontestwalment mal-proċeduri quddiem il-Kumitat Permanenti hemm ukoll proċeduri kriminali kontra r-rikorrenti dwar fatti li jidher huma jew jistgħu jkunu relevanti għall-indaġni li qiegħed jagħmel istess Kumitat.

**46.** Fid-dawl tal-prinċipji premessi din il-Qorti hi msejjħa tiddeċiedi fl-ewwel lok jekk il-Linji Gwida intestati *Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives* humiex leżivi tad-dritt tar-rikorrenti għal smigħ xieraq u tad-dritt tagħhom għal-libertà personali.

---

[3] ECHR 4/10/2005, #41. Dan il-każ kien differenti minn dak fil-kawżi **I.J.L and Others v The United Kingdom** u **Fayed v The United Kingdom** *loc. cit. supra* proprju għaliex f'dawn il-kawżi l-applikant kienu għadhom ma ġewx imputati b'reati kriminali.

**47.** Il-linja gwida 19 tal-isemmi Gwida kjarament u mingħajr kwalifiki jipprovdi li:

> "No witness is to be compelled to answer a question which might incriminate him/her".

**48.** Dan ifisser li x-xhud għandu d-dritt li ma jiġix kostrett li jinkrimina ruħu iżda persuna imputata b'reat kriminali ma għandhiex biss id-dritt li ma tiġix kostretta li twieġeb domandi li jistgħu jinkriminawha iżda għandha addirittura d-dritt għas-silenzju u cioè li tibqa' siekta tant li "The right not to incriminate oneself is primarily concerned with respecting the will of an accused person to remain silent and presupposes that the prosecution in a criminal case seek to prove their case without resort to evidence obtained through methods of coercion or oppression in defiance of the will of the accused".[4] Għalhekk id-dritt ewlieni li għandha persuna akkużata hu li tibqa' siekta u d-dritt li ma tweġibx domandi li jistgħu jinkriminawha huwa intiż biex jassigura li d-dritt tal-akkużat għas-silenzju jiġi mħares.

**49.** Il-linji gwida in kwistjoni jipprovdu li fil-prinċipju l-persuna msejjħa biex tixhed quddiem il-Kumitat Permanenti hija obbligata li tixhed u għalhekk li ma tibqax siekta u l-unika eċċezzjoni li tipprevedi hi dik li persuna ma tiġix kostretta twieġeb għal domandi li jistgħu

[4] ECHR **Ibrahim and others v The United Kingdom**, 13/9/2016, #266; ara wkoll Saunders v United Kingdom, 17/12/1996, #68-69

jinkriminawha.[5] Dan ifisser li l-Linji Gwida in kwistjoni ma jħarsux id-dritt għas-silenzju ta' persuni imputati b'reat kriminali bħal ma huma r-rikorrenti appellati għalkemm iħarsulhom d-dritt tagħhom li ma jiġix mġiegħla jinkriminaw ruħhom bil-konsegwenza li jinkorru f'sanzjonijiet għal disprezz jekk jagħżlu li jibqgħu siekta.

**50.** Għalhekk, in kwantu li l-Linji Gwida jipprevedu sanzjonijiet punittivi għal persuna imputata b'reat kriminali jekk din tagħżel li teżerċita d-dritt tagħha għas-silenzju l-istess Linji Gwida jiksru d-dritt tar-rikorrenti appellati għal smigħ xieraq sanċit bl-Artikolu 39 u 6 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament.

**51.** Ir-rikorrenti jippretendu wkoll li l-Linji Gwida in kwistjoni jiksru wkoll id-dritt tagħhom għall-libertà personali bi ksur tal-Artikolu 34 u 5 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament in kwantu jesponihom "potenzjalment" għal telf tal-libertà personali tagħhom fl-eventwalità li jinsistu li jipproteġu d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq. F'dan ir-rigward għandu jingħad li l-potenzjalità ta' telfien tal-libertà personali tista' tammonta biss għall-potenzjalità ta' ksur iżda ma tammontax għal ksur attwali tad-dritt għal-libertà personali u għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi ma tistax tiġi ravviżata ksur tal-Artikoli 34 u 5 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament peress li l-aktar li jista' jingħad u li ġie pruvat hu biss li teżisti tali potenzjalità iżda ma ġie pruvat ebda ksur attwali tal-artikoli invokati.

---

[5] Ara l-linji gwida 4, 16, 19 u 25 tal-Linji Gwida.

**52.** L-istess konsiderazzjonijiet sostanzjalment japplikaw għar-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti dwar ir-*Ruling* tal-i*Speaker* Dok. PC5. Huwa minnu li l-istess *Ruling* ingħata fil-konfront ta' terza persuna li ma hiex parti fil-proċeduri ta' llum iżda c-Chairman tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi kien tal-fehma li ġaladarba l-mertu tal-punt legali trattat mill-i*Speaker* f'dak ir-*Ruling* huwa identiku għall-punt sollevat fir-rigward tar-rikorrenti appellati tal-lum allura ma kienx hemm ħtieġa li ssir riferenza mill-ġdid lill-i*Speaker* fuq l-istess punt. Huwa evidenti, għalhekk, li fil-fehma tal-istess Chairman dak ir-*Ruling* kien ukoll applikabbli għas-sitwazzjoni tar-rikorrenti appellati f'dawn il-proċeduri.

**53.** Ir-*Ruling* imsemmi jagħmilha ċara li xhud quddiem il-Kumitat Permanenti ma għandux id-dritt li jibqa' sieket tant li fih jingħad li x-xhud għandu jidher quddiem l-istess Kumitat u għandu jwieġeb id-domandi li jsirulu u fil-każ biss ta' domanda li tista' tinkriminah huwa għandu d-dritt li jitlob li jiġi eżentat milli jwieġeb dik id-domanda partikolari. Tant hu hekk li fl-istess *Ruling* ġie riservat lis-Sedja d-dritt li tiddeċiedi jekk id-domanda li x-xhud "ipprefera" li ma jweġibx għax tista' tinkriminah għandhiex tiġi mwiegba jew le.[6]

**54.** Dan ifisser li dak ir-*Ruling* ukoll, in kwantu applikabbli għar-rikorrenti appellati, ma jħarisx id-dritt tagħhom għas-silenzju in kwantu persuni imputati b'reat kriminali għalkemm iħarsilhom id-dritt tagħhom li ma jiġux mġiegħla jinkriminaw ruħhom.

[6] Ara Dok. PC5 a fol 34 tal-proċess ta' prim istanza

**55.** F'dan ir-rigward ukoll ir-rikorrenti appellati jitolbu li jiġi dikjarat li r-*Ruling* imsemmi jikser id-dritt tagħhom għal-libertà personali sanċit fl-Artikoli 34 u 5 tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni rispettivament in kwantu jesponihom "potenzjalment" għat-telf tal-libertà personali tagħhom fl-eventwalità li jinsistu li jipproteġu d-dritt tagħhom għal smigħ xieraq. Għal din it-talba japplikaw bis-sħiħ l-istess konsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-Linji Gwida u għalhekk il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni tagħmel riferenza għal dawk il-konsiderazzjonijiet u tagħmilhom tagħha in kwantu wkoll għal din it-talba.

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti tiċħad l-appell mis-sentenza in parte tal-ewwel Qorti tas-26 ta' Mejju 2016 u tikkonfermha fl-intier tagħha, tilqa' limitatament l-appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti tal-31 ta' Jannar 2017 u tirriforma dik is-sentenza billi (a) tħassarha f'dik il-parti fejn laqgħat it-tielet talba tar-rikorrenti appellati safejn il-*Guide for Witnesses appearing before the Public Accounts Committee of the House of Representatives, Parliament of Malta* jolqot il-każ tar-rikorrenti appellati u minflok tiċħad dik it-talba; (b) tħassarha f'dik il-parti fejn laqgħat ir-raba' talba tar-rikorrenti appellati u minflok tiċħad l-istess talba; u (c) tikkonfermha fil-bqija, b'dan li l-ispejjeż ta' prim'istanza u ta' din l-istanza għandhom

jitħallsu in kwantu għal tlett kwinti (3/5) mill-intimati appellanti soldalment bejniethom u żewġ kwinti (2/5) mir-rikorrenti appellati solidalment bejniethom.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Registratur
mb